**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 29/97**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Nazzareno Abela**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell maghmul mill-akkuzat misjub hati u kkundannat fuq ammissjoni tieghu stess bis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali moghtija fil-konfront tieghu fl-24 ta' Jannar, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 29/97;

Semghet fl-udjenza ta' filghodu tal-lum l-ammissjoni tal-istess Nazzareno Abela ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-imsemmi Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni, u nghata anke zmien biex jahsibha u jekk irid jerga' lura minnha, u dan kif rikjest bl-Artikolu 453 tal-Kodici Kriminali;

Semghet id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni, registrata wkoll fl-udjenza ta' filghodu tal-lum, fis-sens li f'dan il-kaz hu applikabbbli l-Artikolu 29 tal-Kap. 101;

Tiddikjara lill-imsemmi Nazzareno Abela hati talli fit-30 ta' Jannar, 1997 u matul ix-xhur ta' qabel biegh jew xort'ohra ttraffika d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati talli fit-30 ta' Jannar, 1997 u matul ix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u dan skond it-tieni kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati ta' ricettazzjoni, u cioe` talli xjentement, meta kien jaf li gejjin minn serq, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti jiswew izjed minn mitt lira, u dan skond it-tielet kap tal-istess Att ta' Akkuza; fl-ahharnett, tiddikjara lill-imsemmi Nazzareno Abela bhala recidiv fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, u dan fir-rigward tat-tlett akkuzi kif migjuba fit-tlett kapi tal-Att ta' Akkuza;

Rat ukoll l-ordni ta' iffrizar tal-propjeta' tal-hati maghmul mill-Qorti Istruttorja skond l-Artikoilu 22A tal-Kap. 101, u ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Frar, 1997;

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza aktar kmieni llum wara nofs in-nhar u cioe` lit-Tabib tal-Habs Dott. David Grech, lid-Direttur tal-Habs is-sur Emanuel Cassar, lill-*Assistant Manager* tal-Habs P.S. 850 Simon Buttigieg, lis-sur Jack Grech (*Correctional Supervisor* fil-habs) u lil omm il-hati Georgina Abela, li lkoll xehedu dwar il-karattru tal-imsemmi Nazzareno Abela;

Rat l-attijiet ta' l-istruttorja; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi d-deposizzjonijiet tal-persuni appena msemmija, iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, in-natura u l-ammont ta' droga involuta, il-fatt li hawn si tratta – specjalment fir-rigward tar-reat ta' traffikar – ta' reat kontinwat; rat il-linji gwida minnha stess enuncjati fis-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi*** fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni; rat ukoll il-fedina penali tal-hati u applikat l-Artikolu 29 tal-Kap. 101;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(c)(d) u 29 tal-Kap. 101; ir-Reguli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (N.G. 292/1939); u l-Artikoli 11, 17(b)(h), 18, 22, 23, 31, 49, 334(a), 261(c), 267, 279(a) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Nazzareno Abela ghall piena ta' hdax-il sena (11) prigunerija mil-lum u multa ta' tnejn u ghoxrin elf elf lira (Lm22,000), konvertibbli din il-multa f'sena prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes u propjeta` mobbli ohra tal-istess Nazzareno Abela u tal-propjeta` immobbli kollha tieghu, ukoll jekk il-propjeta` immobbli minn meta huwa gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, propjeta`

mobbli jew propjeta` immobbli jinsabu f'xi post barra minn Malta; fl-ahharnett tikkundannah ihallas lir-Registratur is-somma ta' hames mija u erba' liri u wiehed u tletin centezmu (Lm504.31,00) spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u dan fi zmien gimghatejn mill-lum, u tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati hawn aktar 'l fuq imsemmija.

Il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezibita taht l-awtorita` taghha f'dan il-kaz, kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax fi zmien hamest ijiem mill-lum li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi prodecuri ohra. Din id-distruzzjoni ghandha ssir mill-Ispizjar Mario Mifsud, li qed jigi nominat ghal dana l-fini, mhux aktar tard minn tlett gimghat mil-lum. L-imsemmi spizjar ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-dettalji tal-process ta' distruzzjoni u jippresentah fl-atti ta' din il-kawza".

Minn dik is-sentenza, kif inghad, appella l-akkuzat hati u kkundannat, permezz ta' rikors ta' l-appell twil u dettaljat ipprezentat fil-11 ta' Frar, 2000, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita', izda tibdilha dwar il-piena, billi, minflok il-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti bis-sentenza appellata, tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Qabel ma tghaddi biex tispjega fuq x'hiex qed jibbaza l-appell tieghu l-appellant, din il-Qorti thoss li hu doveruz ghaliha li taghmilha cara ghal issa u ghall-futur illi hija ma tistax thares favorevolment lejn appelli maghmula fuq piena wara li jkun hemm ammissjoni fi prim'istanza u meta l-piena mhux biss hija fil-parametri ta' dak li tipprefiggi l-ligi, imma anke, ictu oculi, wahda diga' temperata bizzejjed biex ma tipprovokax reazzjoni minn din il-Qorti.

Jinghad mill-ewwel illi sfortunatament qed tidhol il-prattika illi diversi persuni li jkunu akkuzati b'rejat, xi kultant, bhal f'dan il-kaz, b'rejati serjissimi, jiehdu l-pass li jammettu l-htija taghhom quddiem il-Qorti li tkun giet adita biex tipprocessahom u b'dan il-mod jesponu ruhhom ghall-konsegwenzi legali kollha possibbli taht il-ligi u mbaghad, ghax jidhrilhom illi setghu gew ikkundannati ghall-piena inqas gravuza jinterponu appell quddiem din il-Qorti, jew fi kwalunkwe kaz jappellaw quddiem din il-Qorti evidentement ghaliex f'cirkostanzi bhal dawn ma jkollhomx x'jitilfu.

Din il-Qorti ser taghmilha cara ghall-futur, illi fil-kazijiet fejn tintravvedi li appelli simili jsiru meta jkun evidenti li ma jmisshomx jigu introdotti, hija ser tapplika bir-rigur kollu s-sanzjoni prevista mil-ligi kontra min jinterponi appell frivolu. Mhux sewwa illi l-istitut ta' l-ammissjoni u d-dritt u l-beneficcju ta' l-appell jigu snaturati b'dan il-mod. Dana qed jikkawza mhux biss xoghol zejjed ghal din il-Qorti, izda anke jaghti lok ghal hafna spekulazzjonijiet specjalment, meta bhal f'dan il-kaz – li m'huwiex l-uniku wiehed - id-difiza tipprova taghmel paraguni ma' kazijiet ohra nonostante l-fatt li din il-Qorti ghal darba, darbtejn, tlieta, f'diversi okkazzjonijiet precedenti, spjegat ghala din il-prattika ghandha tieqaf.

Fil-kaz prezenti per ezempju, l-appellant donnu qed jinsa' illi nstab hati fuq ammissjoni tieghu stess taht l-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ta' traffikar tad-droga kokaina, b'rejat punibbli bil-piena ghal ghomor u b'multa li setghet tilhaq anke l-hamsin elf lira maltin (Lm50,000), instab hati fuq ammissjoni tieghu stess taht it-tieni

Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ta' pussess tad-droga kokaina, rejat punibbli b'piena ta' prigunerija sa tnax-il sena u multa ta' mhux izjed minn hamest elef lira maltin (Lm5,000); gie misjub hati taht it-tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ta' ricettazzjoni punibbli, fil-kaz tieghu, b'piena ta' prigunerija sa massimu ta' erba' snin, u minn dan kollu gie kundannat ghal hdax-il sena prigunerija illi anke jekk wiehed kellu jikkomputahom bl-inkluzzjoni taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv iwasslu ghal erbatax-il sena u hames xhur, almenu kif jissottometti l-istess appellant. Kif, f'cirkostanzi bhal dawn l-appellant jidhirlu li ghandu id-dritt jippretendi li din il-Qorti tiehdu bis-serjeta' meta jallega li hu gie trattat hazin, kwazi li saret diskriminazzjoni kontra tieghu mill-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-Qorti Kriminali, meta wiehed jipparaguna l-kaz tieghu ma' ta' akkuzati ohra, din il-Qorti ma tifhimx, specjalment wara li qrat il-kontenut tar-rikors ta' l-appell, kif metikolozament koncepit u redatt mill-abbli difensur. Anqas ma hija pronta din il-Qorti taccetta illi meta l-piena nflitta hija ictu oculi ferm inqas minn dik li setghet tigi applikata fil-kaz tieghu u fi kwalunkwe kaz fil-parametri tal-ligi, u meta l-ewwel Onorabbli Qorti espressament iddikjarat fis-sentenza taghha li kienet qed tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv, in-natura u l-ammont ta' droga involuta, il-fatt tar-rejat kontinwat, il-fatt ta' l-ammissjoni, kif ukoll il-fedina penali ta' l-appellant, u ddikjarat ukoll li kienet qeghda tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101, l-appellant isostni li speci kienet qeghda ticcajta, kienet qeghda tghaddih biz-zmien, ghax minn dan kollu ma tkun ghamlet xejn. Jigifieri meta wiehed jaqra ir-rikors ta' l-appell odjern, il-messagg ta' l-appellant huwa car bizzejjed biex jindika illi t-tezi tad-difiza hija li meta l-Qorti qalet li kienet qed tiehu in konsiderazzjoni l-linji gwida minnha stess enunzjati fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta - vs – Nazzareno Azzopardi" kienet qed taghmel din id-dikjarazzjoni hekk bhala kosmetika, imma fil-fatt ma kienetx qeghda tapplika dawn il-linji gwida. L-istess, skond l-appellant, meta l-ewwel Qorti qalet li kienet qeghda tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101 effettivament, speci kienet qeghda ticcajta, ghaliex, in rejalta', meta wiehed ihares lejn il-piena nflitta, dejjem skond l-appellant, ma jistax ikun li dan l-artiklu gie applikat. In rejalta', kif din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni tispjega aktar 'il fuq, mhux biss ma hemm xejn fis-sentenza jew fil-piena nflitta li anke remotament jista' jinduci lil din il-Qorti tidhol f'aktar dettall biex tara hux il-kaz illi titnaqqas il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, anzi hemm bizzejjed biex hi tiddikjara, minghajr ebda rizerva, li dawn l-allegazzjonijiet da parti ta' l-appellant, huma ngusti fil-konfront ta' l-ewwel Qorti illi meta nfliggiet inqas min-nofs tal-piena li setghet tapplika ghar-rejati li taghhom l-appellant ammetta u nstab hati, kienet qeghda tkun moderata ferm f'dik li hija piena karcerarja. L-istess jinghad ghall-piena pekunjarja, cioe' ghall-multa nflitta. Ma tistax tifhem din il-Qorti fuq liema kriterju l-appellant qieghed jilmenta li l-piena nflitta fuqu hija wahda eccessiva jew li l-Qorti waslet ghaliha minghajr ma hadet in konsiderazzjoni l-fatturi li hi stess kienet qed tghid li kienet qed tiehu in konsiderazzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti m'hijiex pronta illi tissimpatizza ma' sottomissjonijiet u aggravji bhal dawn, ghaliex jistghu iservu biss biex jincitaw lill-akkuzat u jgaghluh jahseb li gie trattat hazin mill-Qorti meta, in effetti, l-ewwel Onorabbli Qorti setghet ittrattat mieghu b'aktar severita' .

L-appellant ghamel wkoll sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-kaz u ta' l-opinjoni li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni diversi cirkostanzi, fosthom li ebda xhud ma xehed kontra tieghu u li m'hemmx l-aggravju tad-distanza minn xi post li normalment jiltaqghu z-zghazagh etc. etc. In rejalta' anke din hija asserzjoni ngusta fil-konfront ta' l-ewwel Qorti ghaliex l-appellant donnu qed jippretendi li gie

injorat f’kollox fir-rigward tieghu fis-sentenza appellata meta hemm dikjarat l-oppost, u din il-Qorti m’ghandhiex raguni ghaliex tiddubita minn dak li ddikjarat li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

Ghal dawk li huma cirkostanzi personali, din il-Qorti ma tarax illi huwa tali li fic-cirkostanzi jistghu jirriducuha li tvarja minn dak li ddecidiet l-ewwel Qorti.

Kwantu ghall-paraguni li l-appellant metikolozament indika fir-rikors ta’ l-appell tieghu, u b’riferenza partikolari ghal numru sostanzjali ta’ kazijiet, din il-Qorti tirribadixxi li m’hijiex pronta taghti konsiderazzjoni lil sottomissjoni simili sakemm ma jingiebux ragunijiet sufficjenti biex tigi spjegata l-ingustifikazzjoni tad-diskrepanza. Tirrepeti biss li kull kaz ghandu l-fattispeci tieghu u mhux sewwa li hekk, bl-addocc, id-difiza taqbad u taghmel riferenza ghall-pieni nflitti fuq persuni ohra fuq processi ohra meta l-fattispeci ta’ dawk il-kazijiet mhux necessarjament identici bhal dawn f’dan il-kaz.

Din il-Qorti fl-ahharnett tiddikjara li f’dan il-kaz m’hijiex ser tapplika s-sanzjoni tal-multa ghall-appell frivolu, pero’ certament ma tezitax li tapplika l-istess f’kazijiet simili jekk dawn jibqghu isiru fil-futur.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Dep/Reg
mm